**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 13 ta' Jannar 2016**

**App. Nru. 249/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Joseph Zammit, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 431378(M), Talli fil-15 ta' Marzu 2012 għall-ħabta tal-11:00hrs fi Triq Dun Gaetano Mannarino, Birkirkara:

(1) saq vettura Nru. BBV-317 b'manjiera perikoluża;
(2) saq vettura Nru. BBV-317 mingħajr ma kien qed jagħmel użu mis-'Seat Belt';
(3) waqt li kien qed isuq vettura Nru. BBV-317 naqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u juri l-intenzjoni tiegħu meta naqas li jagħmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni jew jaqbeż vettura oħra;
(4) saq vettura Nru. BBV-317 li kienet tarmi duħħan eċċessiv mill-'exhaust pipe' jew il-konnessjonijiet tiegħu;

(5) saq vettura Nru. BBV-317 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta taħt dik il-kategorija speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura;
(6) saq vettura Nru. BBV-317 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imġedda);
(7) saq vettura Nru. BBV-317 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(8) saq vettura Nru. BBV-317 meta ma kinitx fi stat tajjeb ta' tiswija;
(9) fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas li jobdi l-ordni legittima mogħtija lilu mill-Pulizija, cioe` minn PC145 A. Abela, waqt il-qadi ta' dmirijietu;
(10) ssar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 8 ta' April 2010 (Maġ. Dr. S. Demicoli LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Prosekuzjoni talbet li l-imsemmi Joseph Zammit jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu taż-żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Mejju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap 65, 3(1)(2A) tal-Kap 104, MVR 75, 107 LS 65.11, 3 LS 65.12, 49, 50, 338(ee) tal-Kap 9, sabet lill-imsemmi Joseph Zammit ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-perjodu ta' priġunerija ta' ħames (5) xhur u skwalifika milli jkollu liċenzja għal żmien sena;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Zammit ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija u fin-nuqqas ta' dan tipprovdi għal piena aktar miti u idonea fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' Brian Farrugia; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Joseph Zammit huma s-segwenti:

> "Illi l-appellant jikkontendi li l-akkuza kollha ta' natura kontravenzjonali huma preskritti u dan ghaliex ghadda perjodu ta' aktar minn tlett xhur minn meta sehh l-incident tal-15 ta' Marzu, 2012, sad-data li huwa gie notifikat bl-akkuzi kif dedotti. L-appellant jirreferi senjatament ghall-akkuzi numri 2, 3, 4, 7, 8, 9.

“Illi ghalhekk, l-appellant ma seta’ qatt jinstab hati tal-imsemmija akkuzi msemmija fil-paragrafu precedenti.

“Illi huwa minnu li l-appellant ma kienx qieghed jaghmel uzu mic-cinturin tas-sigurta`, pero` xorta wahda huwa jikkontendi ladarba din l-akkuza hija preskritta, allura ma jistax jinstab hati taghha.

“Illi dan l-argument jreggi wkoll ghall-akkuza numru 3 fejn l-appellant naqas milli jaghmel sinjal meta kien se jbiddel id-direzzjoni jew jaqbez vettura ohra.

“Illi dwar l-akkuza numru 4, l-appellant jikkontendi li mhux possibli li l-vettura tieghu BBV317 kienet tarmi duhhan eccessiv. Dan ghaliex din il-vettura hija disinjata b’mod li ma tarmix duhhan u dan anke ghaliex din hija konformi mal-EURO5.

“Illi ghalhekk lanqas ma huwa minnu li l-vettura ma kienitx fi stat tajjeb ta’ tiswija kif allegat fl-akkuza numru 8.

“Illi dwar l-akkuza numru 10, u cioe’ dik tar-recidiva, din ma ngabet l-ebda prova taghha quddiem l-Ewwel Qorti. Quddiem l-Ewwel Qorti, ma ngabitx la prova ta’ l-identita` u lanqas kopja legali tas-sentenza imsemmija. Ghalhekk, l-appellant ma setax jinstab hati ta’ tali akkuza.

“Illi dwar is-seba’ akkuza, l-appellant jghid illi l-vettura kienet koperta dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

“Illi dwar l-ewwel akkuza, din ma gietx ippruvata mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

“Illi dwar din l-ewwel akkuza l-appellant jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Keith Camilleri deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 13 ta’ Ottubru, 2010:-

“**‘Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta’ periklu ghal terzi jew ghall-propjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-hin u l-lokalita` ta’ l-incident u l-prezenza o meno tat-traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejin bir-rigel. Naturalment sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan, f’liema kaz japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta’ konkors ta’ reati.’**

“Illi ghalhekk, l-appellant ma setax jinstab hati ta’ dan ir-reat u dan ghaliex ma giex ippruvat mix-xhieda prodotta u ghalhekk ma ntlahaqx il-grad skond il-ligi.”

**6.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkunsidra l-aggravju ta’ l-appellant illi r-reati addebitati lill-appellant li huma ta’ natura kontravvenzjonali huma preskritti. Huma kontravvenzjonijiet ir-reati kontemplati fl-imputazzjonijiet numri 2, 3, 4, 8 u 9. L-appellant isemmi l-imputazzjoni numru 7 ukoll, iżda din l-imputazzjoni

tirrigwarda d-delitt ta' min isuq vettura mingħajr kopertura assikurattiva. Kontravvenzjoni hi preskritta bid-dekorriment ta' tliet xhur mid-data tar-reat. Il-prosekuzzjoni qablet illi r-reati kontravvenzjonali huma preskritti. Fiċ-ċirkostanzi, l-imputazzjonijiet numri 2, 3, 4, 8 u 9 qed jiġu dikjarati preskritti.

**7.** Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-aggravju li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u li l-appellant jgħid li ma tirriżultax mill-provi. Irid jingħad illi mir-rikors ta' appell jirriżulta illi l-kontestazzjoni ta' l-appellant tirrigwarda l-manjiera ta' sewqan tiegħu għax mir-referenza li għamel għas-sentenza **Il-Pulizija v. Keith Camilleri** huwa evidenti illi s-sottomissjoni tiegħu hija fis-sens illi ma saritx il-prova illi huwa kien qiegħed isuq b'mod perikoluż. Quddiem din il-Qorti, ġie sottomess ukoll illi l-appellant ġie akkużat li l-ksur elenkat fiċ-ċitazzjoni seħħ "fil-15 ta' Marzu 2012 għall-ħabta tal-11.00", mentri fl-affidavit tiegħu, P.C. 145 Alan J. Abela jgħid li kien "fil-15 ta' Marzu 2012 għall-ħabta ta' 14.00".

**8.** F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> **"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw."**

**9.** Issa l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

> **"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista'**

**jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami*).”**

**10.** U bħalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**

**“Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**
**.....**

**“Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.”**

**11.** M'hemmx dubju illi “għall-ħabta tal-11.00” mhuwiex l-istess bħal “għall-ħabta ta' 14.00”. Iżda lanqas ma hemm dubju illi l-appellant kien jaf sew għal liema inċident il-każ kien qiegħed jirreferi. Difatti, kif ingħad, fl-appell tiegħu kkontesta l-manjiera ta' sewqan u mhux il-ħin ta' l-inċident. Dan ifisser illi lanqas ma kkuntesta l-ħin ta' l-inċident quddiem l-ewwel Qorti.

**12.** Kwantu għall-mertu ta' l-aggravju ta' l-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għax-xiehda ta' P.C. 145 Alan J. Abela fl-affidavit tiegħu fejn jgħid illi wara li waqqaf lill-appellant li kien qiegħed isuq il-vettura BBV-317 għax kienet qed iddaħħan b'mod eċċessiv, u nnota il-*windscreen* imxaqqaq u talab il-karta ta' l-identita` lill-appellant, dan qallu li ma setax joqgħod peress li kellu bżonn ibiddel il-*puncture*, “u qabad u saq b'mod eċċessiv u perikoluż peress li beda jaqbeż il-vetturi li kien hemm quddiemu u beda jsuq fuq il-mogħdija l-oħra ta' l-imsemmija triq hawn fuq. Jien ippruvajt inwaqqfu iżda peress li kien qed isuq fuq naħa l-oħra tat-triq u b'manjiera perikoluża ddeċidejt li mmur l-għassa ta' B'Kara u niċċekkja mas-sistema tal-Pulizija.”

**13.** Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-**

**ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

**14.** U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Gellel** deċiż fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

**15.** Fil-każ in eżami l-ewwel Qorti sabet li s-sewqan ta' l-appellant kien wieħed perikoluż. Din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba din il-konklużjoni. Sewwieq li jkun għaddej għall-affari tiegħu minn triq prinċipali bħalma hi Triq Mannarino, m'għandux f'daqqa waħda isib ma' wiċċu jew imqar jara mill-bogħod, karozza ġejja fid-direzzjoni opposta fuq il-karreġġjata tiegħu. Dik il-karozza tkun tikkostitwixxi perikolu għall-karozzi l-oħra li jkunu qed isuqu b'mod regolamentari.

**16.** B'referenza għas-seba' imputazzjoni, l-appellant isostni fir-rikors ta' appell tiegħu illi l-vettura kienet koperta b'assikurazzjoni. Xehed quddiem din il-Qorti

Brian Farrugia, *senior manager* fl-Awtorita` għat-Trasport f'Malta. Huwa qal illi l-vettura BBV-317 hi reġistrata f'isem l-appellant u ilha hekk reġistrata mit-18 ta' Marzu 2010. Il-liċenzja tagħha kienet skadiet fit-28 ta' Frar 2011 u qatt ma ġiet rinnovata. Inoltre l-appellant lanqas għandu liċenzja tas-sewqan.

**17.** Vettura tiġi liċenzjata kemm-il darba jkun hemm *in vigore* polza ta' assikurazzjoni. L-appellant qal illi polza kien hemm iżda ma ġab l-ebda prova ta' dan.

**18.** F'dawn iċ-ċirkostanzi l-imputazzjonijiet numri 5, 6 u 7 jirriżultaw debitament pruvati.

**19.** Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li l-għaxar imputazzjoni, cioe` li sar reċidiv, ma ġietx pruvata. Mill-atti, pero`, jirriżulta illi ġiet esebita quddiem l-ewwel Qorti sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' April 2010 mnejn jirriżulta illi l-appellant kien instab ħati ta' sewqan ta' vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta, u ta' użu ta' vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni u kien, għal dawn l-imputazzjonijiet, ġie kkundannat għall-ħlas ta' multi ta' €117 u €2,329.37 rispettivament. Issa, mill-fedina penali aġġornata ta' l-appellant jidher, almenu *prima facie*, illi huwa ma kienx ħallas dik il-multa li ġiet ikkonvertita f'sebgħin jum priġunerija fil-31 ta' Lulju 2012. Stante li l-każ jirreferi għal dak li seħħ fil-15 ta' Marzu 2012, ifisser li l-appellant kien għadu, sa dik il-ġurnata, ma skontax il-piena nflitta fuqu bis-sentenza tat-8 ta' April 2010. Għalhekk l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali mhuwiex applikabbli u huwa applikabbli biss l-artikolu 49.

**20.** Kwantu għall-piena, ħarsa lejn il-fedina penali ta' l-appellant turi li din hi pjuttost ikkulurita, iżda minnha jirriżulta wkoll illi l-appellant ippekka drabi oħra bl-istess natura ta' reati. Mill-banda l-oħra, stante illi l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali mhuwiex applikabbli, irid neċessarjament ikun hemm temperament fil-piena.

**21.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), it-tmin (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet, u minflok tiddikjara l-azzjoni fir-rigward ta' tali imputazzjonijiet preskritta u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati ta' reċidiva skond l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u minflok tiddikjarah ħati biss skond l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, tirrevokaha in kwantu kkundannatu għal priġunerija għal perijodu ta' ħames xhur u minflok tikkundannah għal priġunerija għal perijodu ta' tliet xhur,

u tikkonfermaha fil-bqija, b'dan li l-perijodu ta' skwalifika milli jkollu liċenzja ta' sewqan jibda jiddekorri millum.